# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 224 – IL-Ħamis, 9 ta' Settembru, 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fil-5:30 p.m.

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippressieda.

### PREŻENTI
Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo
Il-Kunsillier is-sur Joseph Sammut
Il-Kunsillier is-sur Jesmond Tanti
Il-Kunsilliera is-sinjura Rita Psaila
Il-Kunsillier Nicholas Cassar

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

**1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 222 u 223 ikunu approvati bħala dokument korrett.
Il-Kunsilliera is-sinjura Rita Psaila issekondat.
Il-Kunsill unanimament qabel li japprova dan id-dokument bħala wieħed korrett.

**2. PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI**

**2.1 Road Humps fi Triq Santa Margerita**

Il-perit Lara Demicoli, Manager, Roads & Infrastructure Direcorate ta' Transport Malta, fakkret lill-Kunsill li f'din l-imsemmija triq hemm biss żewġ (2) *round-topped road humps* li huma approvati. Hija talbet il-Kunsill jagħti spjega dwar ir-*road humps* l-oħra li m'għandhomx approvazzjoni u jieħu azzjoni dwar din il-materja.

Is-Sindku ippropona li t-tweġiba għandha tkun hekk: "Il-Kunsill hu tal-fehma li dawn r-*round-topped road humps* għandhom jibqgħu u jitlob li jiġu approvati minn Transport Malta. Dan billi l-Kunsill, konxju mill-problema ta' sewqan eċċessiv f'din it-triq, jidhirlu li permezz tagħhom il-periklu tnaqqas konsiderevolment."

Il-Viċi-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 3. FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv is-sur Nikol Baldacchino poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.

Il-Kunsillier Dr Mark Vassallo issekonda.
Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt.
Il-Kunsillier is-sur Joseph Sammut issekonda.

L-eżitu tal-votazzjoni kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku l-Avukat Karol Aquilina astjena.

## 4. KUNTRATTI

### 4.1 Supply & Maintenance of Traffic Signs

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci qal li kienu daħlu żewġ tenders, mingħand B. Grima & Sons Ltd., u mingħand Koptasin Ltd.,

Wara diskussjoni, is-Sindku qal li dan it-*tender* għandu jingħata lill-irħas offerent, iġifieri lill-Koptasin Ltd.,

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.2 LCS 30/09 Planting Public Spaces

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-sur Nikol Baldacchino informa lill-Kunsill li kienet wasslet biex tiskadi l-ewwel sena ta' dan il-kuntratt.

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippropona li għandu jiġġeded għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsilliera is-sinjura Rita Psaila issekondat.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.3 LCS 34/09 Printing Periodical**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-sur Nikol Baldacchino informa lill-Kunsill li kienet wasslet biex tiskadi l-ewwel sena ta' dan il-kuntratt.

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci ippropona li għandu jiġġeded għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.4 LCS 33/09 Street Lighting**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-sur Nikol Baldacchino informa lill-Kunsill li kienet wasslet biex tiskadi l-ewwel sena ta' dan il-kuntratt.

Is-Sindku ippropona li għandu jiġġeded għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsillier it-Tabib Mark Vassallo issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.5 2/10 Cleaning & Attendance of Public Convenience**

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci qal li kemm hu personalment kif ukoll fil-Kunsill kien daħal numru konsiderevoli ta' ilmenti dwar l-indafa tal-latrini pubbliċi. Hu staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv kemm il-kuntrattur kien ingħata *defaults*. Dan wieġeb li fl-aħħar sitt xhur kien ingħata 3 defaults wara li l-Works Manager kien spezzjona l-ilmenti li kienu daħlu u li qed jidħlu.

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippropona li dan il-kuntratt għandu jitwaqqaf immedjatament u toħroġ sejħa għall-offerti b'mod urġenti.

Il-Kunsillier is-sur Jesmond Tanti qal li ma jaqbilx għaliex il-kuntrattur ma kienx ingħata l-opportunità li jagħti l-verżjoni tiegħu quddiem il-Kunsill.

Il-Kunsilliera is-sinjura Rita Psaila qalet li kienet se tastjeni għaliex ma tafx jekk kuntratturi oħrajn li ingħataw tliet *defaults* twaqqfilhomx il-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li kemm ilu fil-kariga hu iġifieri minn Jannar 2007, dan ma kienx il-każ għaliex l-ebda kuntrattur ma kien ingħata 3 defaults f'perjodu ta' tnax-il xahar.

Il-Viċi-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina issekonda.

Voti Favur: 4 (Robert Musumeci, Karol Aquilina, Mark Vassallo, Joseph Sammut)
Voti Kontra: 1 (Jesmond Tanti)
Astensjonijiet: 2 (Nicholas Cassar u Rita Psaila)

## 5. ĊENTRU ĊIVIKU

Il-Viċi-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina qal li t-transizzjoni għall-post il-ġdid saret b'mod trankwill u b'koperazzjoni sħiħa mill-uffiċjali tal-Każin tal-Partit Laburista.

Huwa irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv, l-istaff, il-ħaddiema tal-IPSL u l-ħaddiema sekondati mal-Kunsill għall-ħidma li wettqu biex it-transizzjoni setgħet issir fl-aqsar żmien possibli.

**5.1 Twieqi u aperturi**
Huwa ippropona li jinġabru stimi għax-xogħol tal-għeluq u l-ftuħ ta' twieqi ġodda kif ukoll ix-xogħol ta' aperturi kif maqbul fis-seduta 223.
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.2 Il-parti ta' wara l-intrata**
Huwa ippropona li l-parti ta' wara l-intrata, wara l-iskrivanija tal-Customer Care Clerk tingħalaq b'mod temporanju.
Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.3 Seduta mal-Periti**
Il-Viċi-Sindku l-Avukat Karol Aquilina ippropona li ssir seduta speċifika mal-Periti taċ-Ċentru Ċiviku nhar it-Tnejn 27 ta' Settembru fis-6:30pm bl-uniku punt fuq l-aġenda jkun: Il-pjanti taċ-Ċentru Ċiviku

Il-Kunsillier Mark Vassallo issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.4 *Open Day* dwar il-Proġett**
Il-Viċi-Sindku l-Avukat Karol Aquilina ippropona nhar il-Ħadd 24 t'Ottubru, is-sede tal-Kunsill ikun miftuħ għall-pubbliku.

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6. HWEJJEĠ OHRA

**6.1 Stima ta' Xogħlijiet fi Triq Dr Nikola Zammit u Triq Dun Manwel Zammit**
Il-Viċi-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina ippropona li tintalab stima għal xogħlijiet ta' irranġar f'partijiet f'dawn it-toroq fejn qed joqgħod l-ilma.
Il-Kunsilliera is-sinjura Rita Psaila issekondat.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.2 Crash Barrier fi Triq Papa Pawlu VI**
Wara li l-Kunsill sema' l-ilmenti tas-sur Brian Dimech u s-sur Salvu Bugeja, residenti fi Triq Papa Pawlu VI, fejn qalu li l-parti fejn Triq il-Papa Pawlu VI tiltaqa' ma' Triq Dun Manwel Zammit, qed tkun suġġetta għal periklu kontinwu mit-traffiku, Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippropona li jsiru *crash barriers* wara li jinġieb il-permess ta' Trasport Malta.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.3 Roundabout fi Triq Santa Margerita/ Triq Papa Pawlu VI**

Il-Viċi-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina, ippropona li ssir *roundabout* f'salib it-toroq ta' Triq Santa Margerita u Triq il-Papa Pawlu VI. Qal li hu kien lesti li jħejji l-pjanti biex jintbagħtu lil Transport Malta għall-konsiderazzjoni tagħhom.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.4 Mixja għad-Dar tal-Providenza**

Il-Viċi-Sindku, L-Avukat Karol Aquilina, ippropona li l-Mixja għad-Dar tal-Providenza tiġi organizzata nhar il-Ħadd 10 t'April, 2011.
Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.5 Mera mkissira ħdejn il-Kumpless tal-SAG**

Il-Viċi-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina ippropona li tinbidel il-mera mkissra ħdejn il-kumpless tal-SAG.

Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.6 Bollard fi Sqaq il-Qasir.**

Il-Viċi-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina ippropona li jsir *bollard* quddiem residenza privata li qed kontinwament tintlaqat mill-vetturi.
Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci qal li jissekonda din il-proposta, fid-dawl li mhux se tidjieq it-triq.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.7 Sqaq fi Triq tal-Lawrenti.**

Il-Viċi-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina, qal li hemm sqaq fl-imsemmija triq li diversi residenti qed jitolbu li l-wiċċ tagħu jingħata bil-konkos. Huwa ippropona li tintalab stima tiegħu.

Il-Kunsillier is-sur Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.8 Wirja tal-Arti.**

Il-Viċi-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina, qal li wara s-suċċess tal-Wirja tal-Arti tas-sena l-oħra, huwa tal-fehma li din ma ssirx fl-istess żmien ta' Jum is-Siġġiewi imma ssir għal ħabta ta' Mejju.
Id-data għandha tiġi diskussa f'seduta oħra.

**Fis-7:00pm il-Kunsillier Jesmond Tanti talab li jkun skużat.**

**6.9 Kaxxa tax-Xorb fil-Pjazza**

Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar qal li kien se jressaq talba biex titpoġġa kaxxa tax-xorb fuq il-bankina biswit il-Każin Laburista. Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci, qal

li t-talba għandha ssir lill-MEPA. Il-Viċi-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina qal li huwa kien kontra li fil-pjazza jitpoġġew ħwejjeġ bħal dawn.
Wara li saret diskussjoni Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar qal li kien se jirtira din it-talba. Il-Viċi-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina ippropona li xorta waħda għandna niktbu s-segwenti lill-MEPA:-

"Il-Kunsill Lokali Siġġiewi jirriżolvi li jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA biex din ma tagħtix permess għal kwalunkwe materjal jew intervent li huwa aljen mal-kuntest tal-madwar tal-Pjazza San nikola".

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda. L-eżitu tal-votazzjoni kien:

(4) favur – Robert Musumeci, Karol Aquilina, Mark Vassallo, Joseph Sammut.
(2) kontra – Nicholas Cassar u Rita Psaila.

**6.10 Traffic Calming Measure fi Triq Dun Anton Vella**

Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar ippropona li għandha ssir *traffic calming measure* quddiem Block B ta' Binja Ħesri.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jagħmel it-talba lil Transport Malta.
Il-Kunsilliera s-sinjura Rita Psaila issekondat.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.11 Resurfacing ta' Toroq permezz tal-Public Private Partnership Scheme**

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci qal li għandna nibdew naħsbu minn issa biex is-sena d-dieħla nagħmlu *resurfacing* ta' Triq Lorenzo Gafà, Triq Nikola Saura, Triq Ta' Brija u diversi sqaqien fi Triq San Ġwann u Triq San Ġakbu.

Hu talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jibda jħejji l-ħtiġijiet għall-parteċipazzjoni tagħna fil-Public Private Partnership Scheme.

**6.12 Proġett Pjazza**

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci qal li għandna nagħmlu konsultazzjoni pubblika dwar dan il-proġett. Madankollu, qabel nagħmlu dan, din il-materja għandha tkun diskussa fil-Kunsill.

Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħti kopja tal-pjanti tal-proġett lill-Kunsilliera.

**6.13 Rappreżentant tal-Kunsill fir-Reġjun Nofsinhar**

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci ippropona li l-Kunsillier is-sur Joespeh Sammut ikun ir-rappreżentant tal-Kunsill fir-Reġjun Nofsinhar.

Il-Kunsillier it-Tabib Mark Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.14 MEUSEC**

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci informa lill-Kunsill li l-Viċi-Sindku l-Avukat Karol Aquilina kien qed iżomm kuntatt mal-MEUSEC biex jesplora liema proġetti tal-UE nistgħu napplikaw għalihom.

**6.15 Mera ħdejn Ħax Xluq**

Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar ippropona li għandha ssir mera minflok waħda li tkissret ħdejn l-istatwa tal-Madonna ta' Hax Xluq.
Il-Kunsillier is-sur Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.16 Ċimiterju ta' Tabrija**

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci qal li għandna nibdew naħsbu kif is-sena d-dieħla nirriabilitaw dan iċ-ċimiterju billi jingħata tindifa, u jitwaħħlu d-dawl u l-bankijiet.

**6.17 Ground tal-Football**

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippropona li d-daħla ta' quddiem il-ground tingħata bit-tarmac u fiż-żmien opportun il-pubbliku jiġi infurmat kif jista' jagħmel użu mill-ground.

Il-Kunsillier it-Tabib Mark Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.18 Rapport ta' allegata serqa**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-sur Nikol Baldacchino informa lill-Kunsill li fit-18 ta' Awwissu, 2010, l-iskravana Ritienne Giorgino irrapurtat l-Għassa ta' Ħaż Żebbuġ li kien naqsu €500 fi flus kontanti mill-kexxun li fih normalment jinżammu l-flus. Dawn kienu flus tal-qbiela li jitħallsu mill-bdiewa biex isir il-ħlas lid-Dipartiment tal-Artijiet.

L-Ispettur Anthony Cachia kien infurmat u mar fuq il-post flimkien mas-Sindku il-Perit Robert Musumeci u l-Viċi-Sindku l-Avukat Karol Aquilina.

Ġew infurmati wkoll is-SOCO fejn dawn għamlu l-istħarriġ tagħhom. Ġiet infurmata l-Maġistrat J. Padovani Grima li ħatret diversi esperti tekniċi.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-Direttur tal-Kunsilli Lokali is-sur Martin Bugelli kien infurmat. Dan min-naħa tiegħu talab li jsir awditjar tal-moviment tal-flus fl-aħħar jiem qabel u fil-ġurnata tal-allegata serqa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien qabbad lill-Accountant Pierre Mangion biex jagħtih dan ir-rapport. L-istħarriġ għadu mhux konkluż.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien qed jintalab mil-Lands Department biex il-flus nieqsa jingħataw mill-fondi tal-Kunsill. Huwa fakkar li kien għamel il-claim mal-kumpanija tal-insurance. Is-Sindku ippropona li dawn għandhom jitħallsu diment li ma jkunx hemm oġġezzjoni mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.
Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci iddikjara din is-seduta bħala magħluqa fit-8:15pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **nhar it-Tnejn 27 ta' Settembru fis-6:30pm** bl-uniku punt fuq l-aġenda jkun "il-pjanti taċ-Ċentru Ċiviku" **u l-Ħamis, 14 t'Ottubru fil-5:30pm. Il-** Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| **Il-Perit Robert Musumeci** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 27 ta' Settembru, 2010**

APPROVAL OF PAYMENTS

| DETAILS | DEBIT | CREDIT |
|---|---|---|
| bbq lapsi | | 7.00 |
| skips | | 32.44 |
| parking metres | | 33.74 |
| bbq lapsi | | 35.00 |
| craines | | 41.94 |
| craines to 2417 | | 53.49 |
| tenders | | 100.00 |
| craines 2379-2396 | | 102.52 |
| books | | 119.00 |
| cipru sept10 | | 176.00 |
| ghajnuna ghal-libreriji lokali | | 236.00 |
| cipru sept10 chq | | 396.00 |
| cipru sept10 chq | | 400.00 |
| cipru sept10 | | 520.00 |
| cipru sept10 chq | | 542.00 |
| wsc - trenching permits invoices april09-dec09 received payment | | 719.97 |
| cipru sept10 | | 922.00 |
| cipru sept10 chq | | 1220.00 |
| cipru sept10 | | 2040.00 |
| waste separation service august-october 2009 | | 2070.62 |
| cipru sept10 | | 2724.00 |
| cipru sept10 | | 3310.00 |
| wirja agrarja events scheme 2010 | | 5000.00 |
| 3d - distribution of flyers letter moving premises inv2702 | 118.00 | |
| a.aquilina - attendance library aug10 20hrsx 5.83 | 116.60 | |
| access point - shifting and networking new premises it inv1305 | 504.12 | |
| arms - electricity consumption bowling pitch lapsi 14/11/09-13/5/10 | 627.78 | |
| arms - electricity gnejnet armonija 14/11/09-13/5/10 | 267.52 | |
| arms - gnien dr albert fenech 2/12/09-18/5/10 | 129.49 | |
| arms - playing field dr nikola 27/11/09-18/5/10 | 211.13 | |
| callus - planting public spaces july10 inv1154 | 1452.30 | |
| cassie camilleri - clerikal work saturdays aug10 19.5hrsx7.2 | 140.40 | |
| central asphalt - cold asphalt aug10 inv38450 | 2780.76 | |
| csd - archive files inv31488 | 102.66 | |
| die ecke - mobile phone/sim/credit for emergency line inv631 | 50.00 | |
| districts - patching girgenti area job245 | 664.74 | |
| districts - patching panoramic road job246 | 858.79 | |
| districts - patching wied xkora job257 | 798.20 | |
| doi - advert closure of pjazza wine festival lcs38/09 | 9.32 | |
| doi - advert gov gazette tenders lcs23,24,25/10 | 18.64 | |
| fresh&clean laundry - laundry curtains sala inv152 | 436.00 | |
| go - 21462946 july10 | 24.21 | |
| go - 21465799/21465805 july10 | 47.25 | |
| go - 21466000 july10 | 130.21 | |
| go - 21468874 july10 | 152.67 | |
| grace mizzi - cleaning premises august10 | 191.06 | |
| honoraria august10 | 596.50 | |
| j.gatt - cm fee july10 | 948.46 | |
| j.gatt - cm fee june2010 | 702.87 | |
| joanne cardona - aerobics tuition jan-june | 200.00 | |
| klikk - 4 ups inv3942 po105/10 | 296.00 | |
| kumitat kongunt - les July10 inv cjc294 | 581.58 | |
| laco trading - 3 street name plaques inv551 | 148.01 | |
| milord - cleaning of non urban areas august10 inv238 | 3780.34 | |
| milord/grace mizzi - cleaning services premises icw new offices inv239 | 212.03 | |

APPROVAL OF PAYMENTS

| | | |
|---|---|---|
| milord/grace mizzi - washing of glasses icw wine festival 28/8/10 inv239 | 23.30 | |
| msd - traffic signs job 8491 inv13484 | 507.30 | |
| nexos - repair street lighting inv2008709 | 1681.94 | |
| nicolai gatt - maintenance/updating website for dec-may @60 euro/mth | 360.00 | |
| nicolai gatt - maintenance/upgrading website july10 | 60.00 | |
| nvc - garbage bags po79/10 inv4154 | 4.95 | |
| nvc - operating material icw wirja agrarja po57/10 inv3795 | 103.00 | |
| nvc - operating materials inv3798 | 39.70 | |
| nvc - operating materials inv3800 | 12.60 | |
| nvc - operating materials inv4157 | 2.00 | |
| nvc - operating materials inv4163 | 10.29 | |
| nvc - operating materials po100/10 inv4167 | 46.70 | |
| nvc - operating materials po23/10 inv4158 | 2.16 | |
| nvc - operating materials po62/10 inv3796 | 8.90 | |
| nvc - operating materials po69/10 inv3797 | 6.64 | |
| nvc - operating materials po71/10 inv3799 | 10.55 | |
| nvc - operating materials po74/10 inv4151 | 7.85 | |
| nvc - operating materials po78/10 inv4152 | 6.50 | |
| nvc - operating materials po80/10 inv4153 | 20.14 | |
| nvc - operating materials po81/10 inv4155 | 5.90 | |
| nvc - operating materials po82/10 inv4156 | 6.85 | |
| nvc - operating materials po84/10 inv4159 | 3.50 | |
| nvc - operating materials po92/10 inv4160 | 16.35 | |
| nvc - operating materials po93/10 inv4161 | 20.70 | |
| nvc - operating materials po94/10 inv4162 | 4.10 | |
| nvc - operating materials po96/10 inv4164 | 107.52 | |
| nvc - operating materials po99/10 inv4165 | 92.36 | |
| nvc - repair grinder inv4166 | 25.00 | |
| nvc - telephone set inv3794 | 27.95 | |
| opm - adverts tmi tenders lcs23,24,25/10 | 50.00 | |
| philip agius - cold asphalt for patching inv29999 | 146.67 | |
| philip agius - cold mix for patching inv29972 | 137.34 | |
| philip agius - resurfacing blat il-qamar/bur il-kbir inv12010=47967.16 final bal | 7967.16 | |
| philip agius - resurfacing ta kandja final balance | 20169.28 | |
| pierre farrugia - minerals po101/10 inv342 | 111.50 | |
| police - service 28/8/10 wine festival inv32096 | 418.19 | |
| r.giorgino - coffee x 4 inv409101900 | 10.56 | |
| r.giorgino - tokens for arts and crafts children 22x2 inv141591 | 44.00 | |
| raymond attard - cleaning pjazza icw wine festival 28/8/10 | 350.00 | |
| raymond attard - hire of open skip icw moving premises inv2530 | 81.53 | |
| raymond attard - ss aug10 inv2523 | 3538.25 | |
| salaries august10 | 4384.24 | |
| siggiewi scout group - service 13/6/10 wirja agrarja inv3737823 | 100.00 | |
| siggiewi scout group - service 28/8/10 wine festival inv3737823 | 100.00 | |
| smart - stationery inv 13016344 | 45.88 | |
| smart - stationery inv13016387 po89/10 | 104.18 | |
| smart - stationery inv13016717 | 11.50 | |
| tctc - relocation of computers in new premises inv290190 | 100.00 | |
| tdp - transport grupp solidarjeta 25/8/10 inv1242 | 42.00 | |
| tm - 200 parking metres x 37c | 74.00 | |
| vjaggi untours - tickets cipru 15-19/09/10 self finance | 11952.00 | |
| vjaggi untours - travel insurance cipru inv01 (self finance) | 298.00 | |
| vodafone - 99491670 july10 | 68.70 | |
| vodafone - 99762218 july10 | 92.70 | |
| wilson mifsud - pc aug10 | 809.52 | |
| xuereb - bulky aug10 91callsx4.5-mf | 392.85 | |

APPROVAL OF PAYMENTS

| | | |
|---|---|---|
| xuereb - waste collection 26/7/10-25/8/10 inv72 | 5711.41 | |
| vodafone - 99762218 july10 | 92.70 | |
| wilson mifsud - pc aug10 | 809.52 | |
| xuereb - bulky aug10 91callsx4.5-mf | 392.85 | |
| xuereb - waste collection 26/7/10-25/8/10 inv72 | 5711.41 | |